# DAWRA KULTURALI MAL-PORT IL-KBIR (27)



JOSEPH SERRACINO



Fil-kitba tal-ġimgħa l-oħra spiċċjana nitkellmu dwar il-Furjana, u peress li fadlilna xi ħaġa oħra xi ngħidu dwarha se nkomplu fejn ħallejna l-ġimgħa l-oħra.

Quddiem il-bieb ewlieni tal-Mall insibu l-monument sabiħ tal-Indipendenza (Ġanni Bonnici), li tqiegħed flok dak tal-Gran Mastru Vilhena, li qabel ma poġġewh fil-post fejn insibuh illum fi Pjazza Papa Ġwanni Pawlu II, kien bidel postu darbtejn oħra. Dan il-monument kien għamel snin fil-pjazza ta' quddiem il-Biblijoteka tal-Belt (minflok dak tar-Reġina Vittoria) meta din il-pjazza kienet imdawra bis-siġar, u qabel kien quddiem il-kappella li hemm fuq Manoel Island, fejn oriġinarjament kien twaqqaf wara mewtu.

Żewġ monumenti sbieħ oħra li nsibu fil-Furjana huma dak ta' Kristu Re (1913) ta' Antonio Sciortino li jinsab quddiem il-Lukanda Phoenicia, u tal-Poeta Taljan Dante Alighieri li jinsab f'roqgħa maqtugħa għaliha mdawra bil-fjuri aħna u deħlin il-Furjana fuq il-lemin tagħna. Ftit 'il bogħod minnu nsibu l-Funtana tal-Iljun (1728) – l-arma tal-Gran Mastru Vilhena aħna u deħlin il-Furjana.

Ovvjament fil-Furjana nsibu diversi monumenti oħra, fosthom dak ta' Dun Karm (il-Poeta Nazzjonali), ta' Padre Pio (Alfred Camilleri Cauchi), tal-Gwerra, għan-Nies tal-Ajru, tal-K.O.M.R u wkoll tal-R.M.A.

– Ġonna: Kalkara *Gardens* (illum Herbert Ganado), il-Ġnien tal-Milorda, u tal-Argotti (1721) fejn quddiemu nsibu l-monument tal-Għajn tal-Ilma li jfakkarna fil-wasla tal-ilma fil-Furjana u l-Belt Valletta fiż-żmien il-Gran Mastru Wignacourt.

– Sports: Futbol, *Basketball* u Boċċi. Kif nafu l-Furjana għandha storja kbira u glorjuża fil-futbol Malti. It-tim Furjaniż huwa l-aktar tim li kiseb suċċessi matul is-Seklu Għoxrin, u mingħajr ma noqgħod nidħol f'polemika bejnhom u Bormla, fejn issib ħafna li jistaqsu min minnhom hu l-pijunier tal-futbol f'Malta, nafu li t-tim Furjaniż kien iffurmat fl-1894. B'danakollu, jingħad ukoll li qabel ma l-logħba tal-futbol ġiet organizzata f'sistema ta' *leagues,* issib minn jisħaq li l-logħba tal-ballun kienet ilha snin tintlagħab f'Malta bejn timijiet Ingliżi u dawk mill-Kottonera.

Interessanti hu l-fatt li l-kulur aħdar tat-tim tal-futbol Furjaniż għandu konnessjoni kbira mal-Bandiera Irlandiża. Peress li kif jingħad, il-festa ta' San Patrizju ilha tiġi ċċelebrata fil-Furjana mill-1906, f'dak iż-żmien kienet intlagħbet logħba futbol ma' tim tas-suldati Irlandiżi, u jingħad li minn dik il-logħba, il-kuluri aħmar u aħdar li kellhom qabel il-Furjana nbidlu għal aħdar u abjad.

Ma tistax issemmi l-Furjana u ma ssemmix il-Fosos – l-akbar pjazza f'Malta fejn mill-bidu tas-Seklu Għoxrin sal-lum ġew organizzati fiha diversi avvenimenti nazzjonali, kif ukoll reliġjużi, politiċi, u kunċerti kbar mużikali. Nispiċċa din il-ħarsa ħafifa tagħna tal-Furjana bil-Funtana tat-Tliet Tritoni (1959) li kienet saret fuq disinn ta' Victor Anastasi u nbniet biex issebbaħ it-Terminus tal-karozzi tal-linja.

Kien sar xi restawr tagħha f'nofs is-Snin 90, iżda fl-2017 ġiet żarmata u restawrata mill-ġdid. Sakemm sar dan ir-restwar, li qam madwar €4.5 miljun, madwarha sar ħafna xogħol ta' pavementar u tisbiħ. Il-Funtana tat-Tritoni restawrata għal kollox ġiet inawgurata mill-Prim Ministru proprju ġimgħa qabel il-Belt Valletta ġiet onorata bħala l-Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea fl-Ewwel ta' Jannar 2018.

### IMĦAŻEN TA' PINTO

Taħt is-swar tal-Furjana hemm kullana ta' mħażen li sa ftit tas-snin ilu kienu magħrufin bħala Pinto Stores – imħażen kbar li kienu mibnijin fiż-żmien il-Gran Mastru Manoel Pinto de Fonseca (1741–1773). Fiż-żmien dan il-Gran Mastru, il-kummerċ kien żdied ħafna fil-Port il-Kbir, u għalhekk inħasset il-ħtieġa li jinbnew għadd ta' mħażen f'dawk in-naħat biex fihom tintrefa l-merkanzija li kienet tasal fuq ix-xwieni sakemm titħallas it-taxxa tad-Dwana. F'tarf dawn l-imħażen hemm kappella sabiħa ħafna ddedikata lill-Ħarba tal-Familja Mqaddsa mill-Eġittu.

Il-perit ta' din il-knisja żgħira, li bħall-imħażen inbniet ukoll mill-Gran Mastru Pinto fl-1752, kien Andrea Belli (Malti). Sfortunatament fil-gwerra, din il-knisja kienet ġarrbet ħsarat kbar b'mod speċjali fl-attakk mill-arju Ġermaniż fis-16 ta' Jannar, 1941. Wara ħafna snin ta' telqa, din il-knisja ġiet restawrata fl-1989.

Sa ftit snin qabel ma saret ir-riġenerazzjoni ta' dawn l-imħażen u l-moll ġie żviluppat bħala Cruise Passenger Terminal għall-għadd kbir ta' bastimenti tat-turisti li jżuruna matul is-sena, l-imsemmija l-imħażen kienu taħt l-amministrazzjoni tad-Dwana. Fihom kienu jaħżnu x-xorb u sigaretti li xi wħud mill-aġenziji lokali kienu jimportaw f'pajjiżna u jinħarġu perjodikament fi kwantitajiet skont il-ħtiġijiet tal-pajjiż wara li titħallas it-taxxa fuqhom lid-Dwana u l-kera stipulata mill-gvern.

Illum din ix-xaqliba hi magħrufa bħala Valletta Waterfront, post ta' rikreazzjoni għal ħafna familji u turisti. Barra għadd ta' restoranti u bars insibu wkoll ħwienet tal-kotba u oġġetti ta' tifkira. Barra minn hekk, f'dan il-post jiġu organizzati serati mużikali bħal The Malta Jazz Festival, the Malta Fireworks Festival u diversi avvenimenti oħra matul is-sena. Fiż-żmien iż-żewġ Regatti tad-dgħajjes li jsiru fil-Port il-Kbir f'nhar il-Jiem Nazzjonali tal-31 ta' Marzu u tat-8 ta' Settembru, dan il-post jinfetaħ għall-pubbliku biex l-ispettaturi u d-dilettanti ta' dawn it-tiġrijiet ikunu jistgħu jsegwu mill-qrib dawn l-avvenimenti tradizzjonali.

### L-ISPTAR PAUL BOFFA

Jiddomina fuq is-swar tal-Furjana hemm l-Isptar Sir Paul Boffa li fiż-żmien l-Ingliżi kien jismu King George V. L-ewwel ġebla ta' dan l-isptar tqiegħdet fis-27 ta' Marzu 1919 u ġie mibni eżatt fuq is-sit taċ-ċirklu Ingliż il-qadim. Dan l-isptar sabiħ igawdi veduta panoramika mill-isbaħ tal-Port il-Kbir, li testendi mill-Break Water sal-Marsa kif ukoll veduti imprezzabbli tad-daħliet naturali ta' Dockyard Creek u l-French Creek.

Kif wieħed jidħol f'dan l-isptar mill-bieb ewlieni u jħares fuq ix-xellug tiegħu, għandu josserva lapida li tfakkar il-ftuħ uffiċjali tiegħu mill-Gvernatur Plumber fit-30 ta' Novembru 1922. Peress li fit-Tieni Gwerra Dinjija dan l-Isptar ġarrab ħsarat kbar, il-Fergħa Skoċċiża tar-Red Cross reġgħet bnietu mill-ġdid. Snin ilu kienu saru xi suġġerenti biex dan l-isptar jingħalaq u jinbidel f'lukanda iżda minn dan kollu ma sar xejn.

### IL-LIFT MODERN TAL-BARRAKKA TA' FUQ

Ħarsa ħafifa lejn il-lift li naraw illum, modern u li f'temp ta' ftit minuti ssib ruħek fil-Barrakka ta' Fuq, tfakkarni fil-lift ta' tfuliti – struttura kbira tal-ħadid imwaħħla mas-swar bi travi tal-ħadid, għoli aktar minn 50 metru. Min għandu madwar 40 sena, il-lift l-antik ma jiftakrux, iżda għal min hu akbar u għex madwar il-port, mhux biss jiftakru, iżda jista' jkun li wżah kemm-il darba, biex mix-Xatt tal-Belt, f'temp ta' ftit minuti jsib ruħu fil-Ġnien ta-Barrakka ta' Fuq, u b'hekk jiffranka dawk it-turġien li meta kien jieqaf il-lift (rari) kien ikollna nitilgħu hekk kif konna naqbżu l-Mina tal-Vitoria.

Daqsxejn ta' storja ma tagħmilx ħażin għal min jinteressa ruħu li jkun jaf l-imgħoddi tagħna: il-kumpanija li bniet il-lift kien jisimha Malta Tramways and Lifts, l-istess kumpanija li kienet introduċiet it-tram f'Malta. L-inawgurazzjoni tal-lift kienet saret fl-Ewwel ta' Jannar tal-1906, meta ħafna n-nies li kienu joqogħdu fil-bliet tal-Kottonera u madwar kienu ta' kuljum jużaw il-laneċ tal-pass, u konsegwentement il-lift biex jitilgħu l-Belt. Barra minhekk, il-lift li kien jaħdem bl-elettriku kellu żewġ kabini , kien ta' utilità kbira kemm għall-ħaddiema li kienu jaħdmu fi xtut il-belt, għall-ħaddiema tat-tarzna, kif ukoll għan-nies tas-servizzi, l-aktar għall-baħrin li kienu jużawh il-ħin kollu.

Jien niftakarni nqum kmieni biex immur ma' ommi l-Belt bil-lanċa tal-pass għax kont naf li se nitilgħu u ninżlu bil-lift. L-introduzzjoni tar-rotot tax-xarabanks mill-Belt lejn Senglea (Isla) u viċi versa, kif ukoll in-nuqqas ta' kummerċ fix-xtut tal-Belt wassal biex fl-1 ta' Frar, 1973, is-servizz tal-laneċ tal-pass fil-Port il-Kbir u magħhom jintemm is-servizz tal-lift, li kien ġie żarmat għal kollox fl-1982. Il-lift li naraw illum, li hu mibni fuq l-istess sit tal-antik li kien jopera bejn 1905 sal-1982/3, huwa għoli 58 metru, b'żewġ gabini u kapaċi jtella' u jniżżel madwar 800 persuna fis-siegħa, b'vjaġġi ta' mhux aktar minn 25 sekonda.

*ikompli darba oħra*